# ŻEWĠ ĦREJJEF MALTIN

Kull fejn tmur, kullimkien għandek issib il-ħrejjef tal-poplu, issa ċajtiera u ħfief, issa b'xi tagħlim moħbi u mhux la kemm tintebaħ bih, u issa bla ħsieb xejn ħlief dak li jhennu u jogħġbu 'l min jismagħhom. Issibhom dawn il-ħrejjef imxerrda ma' l-art kollha, l-aktar f'ħalq l-ibdiewa tal-pajjiż li jgħadduhom lil uliedhom minn ġidd għal ieħor. U ssib bosta minnhom li jaqblu fil-"*motifs*" tagħhom—ħaġa li s'issa kulħadd fisser kif qabillu. Qalu wħud li xi ħrejjef li jinsabu fil-Ġermanja, ngħidu aħna, jixxiebhu ma' dawk ta' l-Indja jew ta' xi mkien ieħor fil-Lvant Imbiegħed għax l-ewwel nies tad-dinja tferrxu minn naħa tal-Indja, fejn għexu u għammru l-bnedmin ewlenija, u magħhom ħadu dak it-twemmin u dak l-għerf bla miktub li kien tagħhom qabel ma bdew jitferrxu ma' wiċċ l-art. Ġara għalhekk li dawn il-ħrejjef, iktar ma n-nies bdew jitbegħdu minn fejn telqu, aktar bdew jitilfu s-sura ewlenija tagħhom sakemm illum baqgħu jixxiebħu biss minn xi "*motifs*" li żammew biex fuqhom jibnu l-ħrafa tagħhom. Igħidu oħrajn li dal-ħrejjef fihom xi ħaġa li tixxiebaħ, issibhom fejn issibhom, għax jinħolqu lkoll kemm huma mill-immaġinazzjoni tal-poplu li ssawwar għidut u ħrejjef fuq il-ħolqien ta' ma' dwarha, u għalhekk, billi l-poplu fih in-nifsu huwa dejjem wieħed, jiġri li xi ħrejjef ikollhom ħwejjeġ li ssibhom f'artijiet imbiegħda minn xulxin li ma seta' kellhom x'jaqsmu qatt bejniethom.

Jistgħu għalina jkunu tajba ż-żewġ tijoriji li jatu l-għorrief. Dak li rridu ngħidu hu li Malta għandha wkoll il-ħrejjef tagħha, li kull ma jmorru qed jintsew mat-tusigħ tat-tagħlim ġdid li ġenneb il-qadim—il-Folklore—li ma baqgħax jiswa għall-ħajja tal-lum. Mhux b'daqshekk imma għandu jitħalla jintilef, inin u jmut—għax għandna niftakru li xi darba dal-ħrejjef kienu jimlew vojt fil-ħajja ta' misserijietna l-qodma. U xi Maltin, kif ukoll xi barranin, l-iktar Patri Magri u Stumme, li bejniethom ġabru biċċa sewwa mill-Ħrejjef Maltin, għarfu l-ħtieġa wil-ġmiel tagħhom. Min qara "Ħrejjef Misserijietna" "Fuq id-Dinja ta' taħt u fuq ir-Rjieħ" "Misserijietna u l-Ġganti" u "X'igħid il-Malti" ta' Patri Manwel Magri, li jinsabu fil-"Ġabra tal-Mogħdija taż-Żmien" u l-ħrejjef ta' Ġaħan ta' Stumme, ikollu ħjiel tajjeb tal-"Folktales" Maltin.

Biex tifhem sewwa dawn il-ħrejjef trid tkun qrajt ħrejjef ta' pajjiżi oħra għax issib li bosta idijat jinsabu sewwa f'dawk Maltin kif ukoll fl'artijiet oħra. Hekk il-ġrajja ta' bin il-Għarfa jixxiebħu ma' dawk ta' Hercules tal-Griegi. Il-Ħrejjef ta' Ġaħan jixbħu wisq 'il dawk ta' Giofà fi Sqallija; għalkemm, imbagħad, issib illi bniedem tax-xorta ta' Ġaħan li jagħmel kollox ta' taħt fuq u dejjem iġibha żewġ, jidher fil-ħrejjef ta' bosta artijiet imbiegħda minn xulxin.

Is-seħer għandu sehem kbir fil-ħrejjef Maltin. L-Ilma tal-Ħajja (li jidher ukoll fil-Ħrejjef Ġermaniżi tal-aħwa Grimm) ifejjaq il-mard u jgħaqqad il-ġisem mill-ġdid wara l-mewt; niltaqgħu ma' nisa u rġiel mibdulin fi ħmir u bgħula minn bniedem kiefer li jkun saħħar, u fl-aħħar, meta jixxejjen is-saħħar jerġgħu jieħdu surithom bħala bnedmin; biex wieħed jaħrab mis-saħħar jinqeda bi tliet kobob, ħomor, bojod jew koħol, li meta jinxeħtu jinbidlu f'nar, f'baħar jew fi xkiel ieħor li jfixkel is-saħħar u jgħin il min ikun qed jaħrab. Jispiċċaw dawn il-ħrejjef il-biċċa l-kbira biż-żwieġ tat-tifla tas-sultan ma' dak li jkun wera li jistħoqqha l-iktar —u dan aktarx ikun l-iżgħar fost tliet aħwa li jaslu qablu bla ma jirnexxilhom jagħmlu dak li jagħmel hu. Il-fatt li dan iż-żagħżugħ aktarx ikun ġie minn art oħra juri illi, għal missierijietna l-qodma l-idea taż-żwieġ mal-barrani ma kenitx ġdida għal kollox.

Xi tagħlima anqas m'hi meqsa f'dawn il-ħrejjef tagħna. Il-bibien u s-sniedaq li ħadd ma għandu jiftaħ, igħallmuna li m'għandniex inkunu kurjużi. Id-dragun jidher ħafna fil-ħrejjef, imma mbagħad dan issibu mxerred ma' l-Ewropa kollha, donnu xbieha tal-qawwiet tal-ħażen fuq l-art; sebat irjus ikollu d-dragun u biex toqtlu trid taqtagħhom is-sebgħa, għax inkella jerġa' jiġi f'tiegħu, u min joqtlu irid ikun imwieled għalhekk. Hekk fil-ħrafa tad-Dragun Draganti, li jaqfel is-sebat aħwa wara seba' bibien tal-ħadid, it-tmienja fost l-aħwa li jitwieled mid-dmugħ t'ommu, ibeżża' d-dragun li jitqagħweġ bl-uġigħ malli jitwieled. Din it-tarbija, Pietru Lagrimanti, jitwieled jaf jitkellem, "fenomenu" li ssibu kullimkien fil-letteratura tal-poplu.

Għedna xi ħaġa ħafif ħafif fuq il-ħrejjef Maltin u fuq l-element li minnu jissawru. Imma ntennu li l-isbaħ ħaġa li wieħed jista' jagħmel hi li jaqrahom, jew, aħjar, jismagħhom minn ħalq il-bdiewa xjuħ, l-irġiel u n-nisa tagħna li għadhom igħiduhom lil uliedhom bħal ma semgħuhom huma nfishom

minn għand ta' qabilhom. U mbagħad tkun ħaġa ħafifa li wieħed jifhem għaliex il-ħrejjef tal-poplu kellhom sehem hekk kbir fil-ħajja ta' misserijietna fiż-żmenijiet l-imgħoddija.

* * *

Inġibu issa żewġ ħrejjef Maltin, li sa fejn naf jien, għadhom ma nkitbux—imma li kont nisma' ta' sikwit meta kont għadni tfal.

## IL-ĦRAFA TAX-XEMX U L-QAMAR

Darba kien hawn skarpan kellu ħames xebbiet, u mar it-tentazzjoni jagħmel żarbun għandu u qallu "Mgħallem, għandek xi xebba żżewwiġhieli?" Wieġeb l-ieħor "Iva, ħa nsejjħilha!" Sieħ lill-kbira u qaltlu li ma tridx tiżżewweġ. Sejjaħ lil oħra u qaltlu l-istess. Wara l-erbgħa qallu "Baqagħli waħda, imma għadha żgħira". L-ieħor qallu "le, ġibha." Sejħilha u qaltlu le.

Imbagħad it-tentazzjoni qallu "Għidilha li taqtagħlha xagħarha jekk hi ma tiżżewwiġx." Dik qalet "Agħmel int". U qatagħlha xagħarha. Reġa' qallu "Għidilha naqtagħlek dirgħajk." Wieġbet "Agħmel int." U qatagħlha dirgħajha, wieħed qatgħetu hi u l-ieħor tatu 'l missierha biex jaqtgħu. Qallu mill-ġdid "Għidilha nneżżgħek għarwiena u nkeċċik barra." Hekk għamel. U ħarġet għal għonq it-triq u daħlet ġo ġnien, sabet kamra u baqgħet dieħla. Kien hemm siġra u kienet tmur taħtha, tinżel il-fergħa waħedha, tigdem gidma u terġa' titla' il-fergħa.

Is-sinjur tal-ġnien kellu żewġt iklieb. Kien itihom l-ikel u dawk kienu jmorru jagħtuh lil Marì—għax hekk kien jisimha. Is-sinjur raħom jogħolbu l-klieb u qal "Kemm qegħdin jogħolbu! Nagħmlilhom l-għassa — X'vendikazzjoni din! Mank jaqta' waħda sħiħa! Jigdimha gidma u jħalliha!" Qagħad għassa u ra l-klieb sejrin bl-ikel għand Marî. Mar warajhom. Meta ratu stħat. Qaltlu l-biċċa tagħha kif kienet u dak ġabarha miegħu, libbisha u żżewwiġha.

Wara ftit siefer u ħalliha għand ommu. U kellha tewmin; kienu x-Xemx u l-Qamar. Ommu bagħtet tgħidlu li għandu tewmin. It-tentazzjoni bidlilha l-ittra u qallu li għandu kelb u qattus. Huwa bagħat igħidilha li kuntent bihom, avolja kelb u qattus. Reġa' bidel l-ittra u qalilha "Oħroġha minn hemm għax jekk niġi noqtolha (lill-mara)" Allura ommu għamlitilha t-tfal ġo ħorġa, wieħed wara u ieħor quddiem, u bagħtitha barra.

Imxiet u wara ftit iltaqa' magħha t-Tentazzjoni. Qallha "Ċaqlaq spallejk." Għamlet hekk u ġewha par idejn taċ-ċomb. Baqgħet miexja u ltaqa' magħha San Ġużepp. Qallha "Ċaqlaq dirgħajk" u ġewha par dirgħajn tal-laħam. Siebet dar, ħallet it-tfal u fisqiethom. U baqgħet tgħix hemm. It-tfal kibru u saru ġmielhom.

Ġie żewġha mis-safar u ommu qaltlu x'ġara. Qaltlu li hi rċeviet biex toħroġha barra. Qallha "Irċevejt ittra li kelli kelb u qattus." Qaltlu "Kellek ix-Xemx u l-Qamar."

Allura hu għamilha b'mejta. Darba jmur f'ħanut u raha f'gallarija. Hi għarfitu wkoll. Qaltilhom lil uliedha "Dak missierkom." Dak xtara xi ħaġa u mar qallha biex issajjarhielu u kellu jmur jiekol għandha. Beda jgħid, bejnu u bejn ruħu "Huwa din mhix marti!" Hi lit-tfal qaltilhom "Issa waqt li nkunu fuq il-mejda għiduli "Ma, għidli l-istorja tiegħek." U xħin bdiet tgħidilhom, qallha "Mela inti marti u dawn uliedi!" U ferħu b'xulxin u mietu u marru l-Ġenna.

## IL-KAP TAL-IŻBANDUTI

Darba kien hawn raġel kellu ħames xebbiet u mar għandu kap tal-iżbanduti u qallu "Għandek xi xebba żżewwiġhieli!" "Għandi" wieġbu. U żewġu xebba. Żewġu xebba u ħadha miegħu. Hu kien imur jisraq. Qallha "Jiena ħiereġ għal tlitt ijiem oqgħod attenta, qis li kif inħabbatlek tiġi tiftaħli". Kif żbaljat darba qatgħalha rasha u dendilha fis-saqaf. Reġa' mar għand missierha Qallu "Kif inhi t-tifla?" Dak wieġbu "Tajba. Tridx tibgħat xi erbat ijiem l-oħra magħha?" U marret l-oħra. X'ħin daħlet qallha "Ara oħtok fejnha. Jekk ma toqgħodx attenta u tiftaħli malli nħabbat nagħmillek bħalha!" U ġara l-istess.

Fl-aħħar nett kien baqa' ż-żgħira biss. U mar għaliha. X'ħin daħlet qallha bħall-oħra "Ara ħutek fejnhom. Jekk ma tiftaħlix malli nħabbat jiġrilhek bħalhom." Din qagħdet attenta ħafna. Darba ħareġ għal tmint ijiem u seraq ġuvni u niżżlu ġo bir u qabel ħareġ qallha "Jiena ħiereġ. Issa hemm dak il-kelb ġol-bir niżżel bott ilma u tħarisx". Marret biex tagħilfu u tisqih, u ħarset u ssib ġuvni. Qaltlu "Inti hawn?" Qallha "Iva". Tħaddet illum u tħaddet għada, fl-aħħar qaltlu "Tridx intellgħek, naqbdu żiemel kull wieħed u naħarbu; u jekk narawh ġej nisparaw għal xulxin—biex il-vendetta nagħmluha aħna u mhux joqtolna hu." Hekk għamlu. U

mxew u sabu d-dar ta' missieru. Hadha għand missieru, irrakkuntalu l-biċċa li hi salvatu w iżżewwiġha.

Meta mar id-dar il-kap tal-iżbanduti qal "Għamlithieli' imma jien nagħmilhielha." Mar ordna ajkla tad-deheb li jidħol ġo fiha, tinqafel minn ġewwa u qallhom. "Huduni quddiem ir-re u rr-galawhielu." Dik li żżewġet il-bin is-sultan ma redithiex. Għamlitha ta' marida fis-sodda u ħafna nies imdawrin magħha—u meta tisma' l-molla tfaqqa' tibda tgħajjat u n-nies aktar jinġabru u ma fdawha xejn. Mela fl-aħħarnett qaltlu "Dik l-ajkla ma rridhiex. Għorġuhieli fi pjazza u sparaw għaliha." Hekk għamlu u beda ħiereġ id-demm. Li ma għamletx hekk hi, kien joħroġ u joqtolha hu u jħallilha l-ajkla hemm.

Hekk sa fl-aħħar qatlet lil-kap tal-Iżbanduti.

G. Cassar Pullicino